MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 02

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u ghoxrin ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

### 02.01  Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

### 02.02  Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Nru 01(08) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**Punti mqajma mill-Minuti**

Ma kien hemm l-ebda punti.

### 02.3 Korrispondenza

02.3.1 Prezentati l-inviti li waslu minghand il-Kapitlu relatati mall-attivatjiet li ser isiru f`gheluq il-75 sena anniversarju mill-migja lura tall-istatwa titular ta` San Lawrenz. Il-Vici-Sindku propona sabiex ghat-30 ta` Lulju l-Kunsill jaghmel bukkett fjuri quddiem il-Kuncizzjoni. Ghal dan il-proponiment kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku kompla billi propna biex jigi mistieden ukoll sabiex il-Kunsill Lokali ta` Bormla jaghmel bukkett fjuri quddiem San Lawrenz, hekk kif jasal fil-knisja.

02.3.2 Prezentata l-applikazzjoni tal-iskema SPI/07/2019 – Finanzjarjament ta` Progetti Kapitali – Apparat ghal Sistemi ta` Irrigazzjoni, fejn il-Kunsill applika biex issir sistema ta` irrigazzjoni fil-hwat tal-Housing Estate tal-Hawli.

02.3.3 Giet diskussa korrispondenza li ntbghatet lis-Sur Chu, ic-CEO l-gdid tal-Grand Harbour Marina. Is-Sindku spjega kif kellu laqgha mas-Sur Chu fil-prezenza tas-Segretarju Ezekuttiv u s-Sur Gordon Vassallo mill-Grand Harbour Marina, fejn fost temi ohra, giet diskussa l-possibilita li l-Grand Habrour Marina tghin finanzjarjament lill-Kunsill sabiex jinxtara van ghall-Kunsill sabiex ikun jista` jintuza ghall-anzjani u ghal dawk in-nies vunerabli tal-lokal biex jaqdu l-htigijiet taghhom bhal poliklinika, bank etc.  Is-Sindku zied jghid li matul dawn

il-jiem kellu l-opportunita li jattendu ghall-launching li sar minn Mizzi Group, fejn introducew van Nissan gdid, 7 seater li jahdem bl-elettriku.

Is-Sur Boxall kompla jispjega li ntbghatet ukoll ittra lill-Onorevoli Ministru Edward Scicluna sabiex il-Kunsill jaghmel laqgha biex tigi diskussa l-possibilita sabiex il-Kunsill ikun jista` jibenifika minn fondi ghall-kazijiet gusti. Is-Sindku kompla billi qal li matul dawn il-jiem gie avvicina lis-Sur Maurice Mizzi, fejn offra li jghin finanzjarjament f`dan il-progett.

02.3.4 Prezentata korrispondenza dwar il-progett ta` Salle Porte, fejn il-Kunsill gie nfurmat mis-Sur Gino Cauchi, Chief Executive Officer tal-GHRC, li l-pjanti qeghdin jigu ffinalizati u hekk kif dawn ikunu lesti, il-Kunsill ser jigi nfurmat biex jaghti l-approvazzjoni tieghu ghal dan il-progett.

Is-Sur Jason Portelli staqsa dwar x`ser jigri mill-imzazar fejn is-Sindku nfurmah li l-Kunsill ma jidholx f`din is-sitwazzjoni.

02.3.5 Il-Kunsill wera nteress fi progett bl-isem *"Face Up – Factory Cities in Europe United in Partnership"* taht il-programm Europe for Citizens.

02.3.6 Prezentata korrispondenza dwar permess li ntalab mis-Sinjura Comedy li ghandha *artisan boutique* fi Triq it-Tramuntana, fejn talbet biex taghmel erbgha tabelli tal-hadid f`postijiet prominenti fil-Birgu. Il-Kunsill qabel unanimament li jinghatalha l-permess u jsir il-hlas dovut skond il-bye law.

02.3.7 Giet diskussa sitwazzjoni tas-servizz li qed tinghata mill-kumpanija Green MT dwar il-gbir tal-iskart riciklabbli u tindif tal-bring in sites. Is-Sindku spjega li kienu bosta tentattivi fejn huwa personali talab lic-CEO tal-kumpanija sabiex jbidel il-kuntrattur li qieghed jigi fil-lokalita u dan ghal fatt li mhux qed issir is-servizz mitlub. Is-Sindku kompla jispjega li l-kumpanija Green MT talbet sabiex l-iskart riciklabbli jibda jingabar mill-kuntrattur tal-gbir ta` skart organiku billi jsir ftehim bejniethom. Is-Sur Boxall zied jghid li huwa personali talab lill-kuntrattur tal-Kunsill jibda jigbor l-iskart riciklabbli u dan wara li s-Sindku gie nfurmat li l-kuntrattur ma giex mgharraf xejn mill-kumpanija Green MT. Fl-ahhar is-Sindku qara messagg li ntbghat lilu mis-Sur Attard, ic-CEO tal-kumpanija Green MT, fejn jghid li l-istess s-Sur Attard kellu jinforma lill-kuntrattur prezenti bies jieqaf milli jaghti servizz lill-Kunsill Lokali tal-Birgu u nhar t-Tnejn jibda jinghata dan is-servizz mill-kuntrattur tal-Kunsill.

02.3.8 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill diga` tkellem ma` rapprezentanti ta` LESA sabiex l-immanigjar ta` cctv cameras li hemm installati madwar il-lokalita, jibda jsir mill-LESA direttament.
02.3.9 Gie prezentat progett pilota bl-isem *"World Without Waste Initiatives".* Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li kellu laqgha ma` rapprezentant mill-General Soft Drinks, fejn flimkien iddiskutew dan il-progett u l-inizjattivi li ser jgib mieghu progett bhal dan. Dan il-progett huwa wiehed dinji u ser jigi sponosrjat mill-Coca Cola. Is-Sur Boxall ghalaq billi qal li fil-jiem li gejjin ser terga` ssir laqgha sabiex mall-NGO li ser tmexxi dan il-progett. Dawk prezenti qabblu ma` dan il-progett.

18:45hr Is-Sur Anton Gellel talab biex jigi skuzat mill-laqgha minhabba impenji ohra.

02.3.10 Prezentata korrispondenza li ntbaghtet mill-kumpanija Brighter Image sabiex jaghmlu launching tal-brand il-gdida tal-kumpanija gewwa Couvre Porte. Il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni li jinghata l-permess, u jsir biss il-hlas tal-permess.

02.3.11 Prezentata korrispondenza fejn il-Kunsill gie avvicinat biex jaghmel jhaddem studenta Taljana ghal matul ix-xahar ta` Lulju permzz ta` internship. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

02.3.12 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li disinn tan-nicca tal-kurcifiss giet iffinalizata. Is-Sur Boxall zied jghid li l-applikazzjoni mall-Planning Authority ser tkun fuq il-Kunsill Lokali tal-Birgu.

02.3.13 Prezentata korrispondenza dwar zvilupp ta` bini ta` zewg sulari f`residenza fil-Belvedere il-Birgu. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li minn naha tar-residenti nkitbet ittra lill-Planning Authority u anke saret petizzjoni dwar dan l-izvilupp.

02.3.14 Inkitbet ittra lill-Onorevoli Roderick Galdes sabiex issir laqgha mieghu biex tigi diskussa l-kwistjoni ta` dar li hija propjeta tal-Awtorita tad-Djar biex tintuza mill-NGO – Mid-Dlam ghad-Dawl fil-Birgu. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li laqgha saret fil-prezenza tal-Vici-Sindku, Christopher Cassar, l-kunsillier Trevor Mizzi, s-Segretarju Ezekuttiv u rapprezentanti mis-Segretarjat, Awtorita ta` Djar u rapprezentanti mill-NGO, fejn inhargu diversi punti li ghad iridu jergghu jigu diskussi specjalment li ssir laqgha pubblika mar-residenti tal-akwati.

02.3.15 Giet moqrija korrispondenza li ntbghatet mill-Awtorita tal-Ippjanar dwar progett li ser ssir minn NGO fil-Birgu b`fondi mill-istess Awtorita. Is-Sur Cachia nforma lill-Kunsill li ma kienux ser jitmessew fondi allokati lill-Kunsill.
02.3.16 Is-Sur Boxall ghamel referenza ghac-Cirkulari 12-2019 dwar ir-responsabbilitajiet assenjati lill-Kunsillieri, fejn spjega li kien hemm zewg setturi li kienu ghadhom pendenti, dawk tal-infrastruttura u sahha. Is-Sur Boxall propona li settur tas-sahha jinghata lill-Kunsillier Jason Portelli u s-settur tal-infrastruttura tkun repsonsabilita tas-Sindku. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Fis-19:15hr Is-Sindku talab sabiex il-laqgha tigi sopsenduta ghal ftit hin. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

Fis-19:30hr kompliet il-laqgha.

02.3.17 Giet prezentata korrispondenza dwar il-progett tal-electric scooters, fejn il-Kunsill bghat ittra lis-Sur Jesmond Zammit, Advisor mall- Ministru ta` Transport, Infrastruttura u Progetti Kapitali, fejn l-istess Kunsill talab l-ghajnuna minn naha ta` Transport Malta sabiex dan il-progett issir.

02.3.18 Moqrija c-Cirkulari – Cirk AKL2019/068 Inizjattivi kontra r-Rilaxxar tal-Bziezaq u Rimi tal-fdal tas-Sigaretti fl-art. Il-Kunsill qabel unanimament li jippartecipa f`din l-inizjattiva.

02.3.19 Prezentata l-iskema - SPI/SCI/12/2019 Skema dwar restawr ta` postijiet/monumenti storici f`Malta . Is-Sindku propona sabiex il-Kunsill jerga` japplika ghar-restawr tal-faccatta tal-Berga ta` Franza, fejn prezentament jinstabu l-ufficini amministrattivi tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

02.3.20 Giet prezentata talba tas-Sezzjoni Zghazagh Palmizi fejn talbu sabiex dakinhar tal-attivita li ser titella nhar is-Sibt 13 ta` Lulju 2019 fil-bitha ta` Couvre Porte, jinghatlhom l-access ghall-wahda mill-kmamar li ghandu l-Kunsill f`Couvre Porte u jinghatlhom id-dawl. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament li jigu provduti dawn l-affarijiet u li jingabar u jsir il-hlass tal-permess mill-Kunsill qabel l-attivita

02.3.21 Giet prezentata talba mill-Ghaqda Piroteknika 10 t`Awwissu, fejn talbu sabiex jinghata permess biex nhar il-Gimgha 26 ta` Lulju 2019 fil-belvedere ta` Couvre Porte, issir ikla ta` qabel il-festa u li nirrpovdu provvista tad-dawl ghal matul l-attivita. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament li jinghata l-permess u

li jigi provdut id-daw u li jingabar u jsir il-hlass tal-permess mill-Kunsill qabel l-attivita
02.3.22 Prezentata ittra li ntbghatet mis-Sur David Hirst fejn propona sabiex jsir gemellagg bejn il-lokalita tal-Birgu u Cheshire Regiment, Poynton fl-Ingliterra. Il-Kunsill ma laghqax dan il-proponiment.

02.3.23 Mibughta ittra lid-Direttur, is-Sinjura Marisa Pisani dwar l-allokazzjoni ghall-Birgufest 2019, fejn is-Sindku talab sabiex din is-sena tigi kkunsidrata l-allokazzjoni peress li s-sena l-ohra l-Kunsill ha erba` t`elef inqas mill-massimu u dan sabiex il-Kunsill ikompli jorganizza fuq livell gholi din l-attivita.

02.3.24 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill irceiva minghand Wasteserv Malta Ltd dwar il-kompetizzjonijiet tal-*European Week for Waste Reduction* li ser ssir bejn 16-24 ta` Novembru 2019. Is-Sindku talab lill-Vici-Sindku sabiex jibda jahdem dwar xi inizjattiva li l-Kunsill jista` jwettaq.

02.3.25 Giet diskussa korrispondenza dwar il-Pink October Campaign, fejn il-Kunsill qabel li jinxteghel Couvre Porte u talab lill-kunsilliera Jason Portelli biex jiehu hsien din l-attivita.

02.3.26 Prezentata korrispondenza dwar talba li saret mill-fondazzjoni *The Alfred Mizzi Foundation* sabiex minn naha tal-Kunsill issir plakka bil-logo tal-fondazzjoni gewwa l-iskola primarja tal-Birgu, fejn il-play area li gie sponsorajta mill-fondazzjoni. Is-Sindku propona li l-hlas ta` din il-plakka jsir mill-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

02.3.27 Prezentata l-iskema – SPI.SCI.10.2019 – Skema Finanzjarja Zvilupp ta` Libreriji Regjonali. Il-Kunsill qabel unanimament li japplika ghal din l-iskema. Is-Sindku talab lill-Vici Sindku sabiex jiehu hsieb din l-applikazzjoni. Is-Sur Cassar spjega li ser ikellem lil xi hadd li jifhem fil-Virtual Reality u s-Segretarju Ezekuttiv ser ticekkja minn fejn il-Kunsill jista` jixtri kotba ghall-persuni neqsin mid-dawl.

02.3.28 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li s-sejha ghall-offerti ghas-servizz ta` accountant kienet ghalqet u kien hemm erbgha offerti. Is-Segretarju Ezekuttiv spejgat li fil-gimghat li gejjin ser jintaqa` l-bord ta` evalwazzjoni.

02.3.29 Giet prezentata l-petty cash ghax-xahar ta` Gunju 2019, fejn din giet approvata unanimament.

## 02.4 Xoghlijiet pendenti u affarijiet ohra

02.4.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li kellu laqgha mall-Perit tal-Kunsill, ma` rapprezentanti minn Transport Malta, is-Sur Sandro Azzopardi u s-Sur Charles Briffa mill-Public Works, fejn spjega kif il-gimgha diehla ser jitkompla xoghol mill-haddiema tal-Public Works. Il-Kunsill qabel li l-parti ta` nofs issir bl-imprint concrete, fejn b`hekk dan ix-xoghol irid issir minn kuntrattur u mhux mill-haddiema tal-public works. Is-Sur Boxall zied jghid li l-preokupazzjoni tieghu hija li qabel ma jigi nstallati l-bandli, irrid issir ix-xoghol tal-restawr tas-swar biex b`hekk ma ssir l-ebda hsara. Is-Sindku talab sabiex tintbghat ittra lill-Onorevoli Glen Bedingfield dwar din is-sitwazzjoni.

Is-Sur Boxall qal li l-harruba li kienet tnehhiet mill-kuntrattur regghet qed tikber u ghalhekk il-Kunsill rega` talab lill-istess kuntrattur jerga` jizbor din il-harruba li qed taghmel hafna hsara l-iswar.

## 02.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

Ma kienx hemm.

## 02.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

02.6.1 Il-Vici Sindku ssugerriexa li meta jinghata permess lill-kuntrattur biex jahdem, jigi mgieghel jahsel it-triq wara li jkun lesta xoghol. Ghal dan il-proponiment is-Sindku qal li wiehed irid jara fejn ser jispicca jieqaf l-ilma meta wiehed jahsel il-parti li jkun hammeg.

## 02.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4848 sa` BOV 4911 fejn cekk numru 4863 gie kkancellat. Il-Kunsill approva b’mod unanimu l-Iskeda ta’ Pagamenti ddatata 5 ta` Gunju sat-8 ta` Lulju 2019.

**02.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8.15pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 23 ta` Lulju 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum 23 ta` Lulju 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |